**NOMINA TA' INĠ JONATHAN SCERRI GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMUNIKAZZJONI**

**TWEĠIBIET MILL-INĠ JONATHAN SCERRI GĦALL-MISTOQSIJIET MILL-ONOREVOLI MEMBRI**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairman tal-MCA? X'inhi d-distinzjoni bejn dan ir-rwol u r-rwol ta' CEO tal-istess Awtorità?

Ir-rwol taċ-Chairperson tal-Awtorità jinkludi t-tmexxija tal-Bord kif ukoll li jiggwida u jagħti direzzjoni lill-bqija tal-membri tal-Bord wara li jkun evalwa l-idejat u l-proposti mressqa mill-management tal-Awtorità. Billi ċ-Chairperson iżomm kuntatt kontinwu mal-persuni fl-Awtorità li għandhom rwoli eżekuttivi, iċ-Chairperson għandu jgħarraf lill-membri sħabu fuq kwistjonijiet jew proposti li jkunu qed jitressqu quddiem il-Bord mill-istess tmexxija.

Bl-istess mod, iċ-Chairperson għandu jixpruna diskussjonijiet strateġiċi nterni fl-Awtorità u jwassal b'mod ċar il-fehma u d-direzzjoni tal-Bord lit-tmexxija, filwaqt li jikkomunika l-għanijiet u l-oġġettivi tal-Bord lit-tmexxija, biex din tkun tista' twettaq kif mistenni.

Iċ-Chairperson, flimkien mal-bqija tal-Bord, għandu l-obbligu li jħares il-governanza tajba tal-Awtorità u jservi ta' verifika fuq it-tmexxija biex jassikura li l-Awtorità iżomm dejjem mal-obbligi kollha tagħha skont il-Liġi.

B'differenza mir-rwol ta' Chairperson, il-Kap Eżekuttiv huwa dak li jmexxi l-Awtorità b'mod kontinwu, minn jum għall-ieħor, u li jara li d-deċiżjonijiet u d-direzzjonijiet mgħotija mill-Bord ikunu implimentati. Il-Kap Eżekuttiv għandu jkun dak li jikkunsidra kif id-deċiżjonijiet strateġiċi għandhom jitwettqu b'mod prattiku, filwaqt li jibni u jgħaqqad it-team tat-tmexxija u jimmotivahom biex ikunu effettivi f'xogħolhom.

Il-Kap Eżekuttiv għandu r-responsabilità ukoll li jżomm relazzjoni mal-istakeholders, jara li l-finanzi tal-Awtorità qed jinżammu tajjeb, u jidentifika opportunitajiet biex l-Awtorità u l-ħaddiema tagħha jkomplu jwettqu aħjar. Għandu wkoll jikkomunika l-andament tal-Awtorità lill-ħaddiema filwaqt li jagħti feedback lura lill-Bord.

2. Kif qiegħed tara li tkompli tiżviluppa t-tmexxija u l-governanza fi ħdan l-MCA? X'se jkunu l-prioritajiet tiegħek bħala Chairman f'dan ir-rigward?

Ninsab infurmat li tul l-aħħar snin, ir-rwol ta' Aġent Chairperson kien qed jitwettaq b'suċċess mill-Kap Eżekuttiv. Mingħajr ma nnaqqas mill-mertu tal-qadi ta' dmiru, nemmen li s-separazzjoni tal-irwoli se tgħin biex titjieb il-governanza fi ħdan l-Awtorità u se tirrifletti dak li titlob il-Liġi stess. Billi ż-żewġ rwoli se jkunu okkupati minn persuni differenti, dan id-division of power fih innifsu joħloq ambjent tajjeb f'qafas ta' checks and balances.

Se tkun priorità tiegħi li noffri oversight indipendenti mill-operat.

Billi r-rwol ta' Chairperson imur lil hinn mill-operat, se niffoka fuq l-istrateġija tal-Awtorità, b'ippjanar iktar fit-tul li jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi umani u l-esperjenza tajba tal-Awtorità.

Nixtieq nara li l-Awtorità tikkomunika aħjar ir-rwoli u l-inizjattivi tagħha mal-istakeholders kollha filwaqt li twettaq id-dmir tagħha li tħares l-interessi tal-konsumaturi tas-servizzi tal-komunikazzjoni u żżomm level playing field bejn l-operaturi.

Fl-istess ħin, irrid li nħalli lill-Kap Eżekuttiv fil-libertà li jwettaq l-għanijiet tal-Awtorità fl-istil tiegħu filwaqt li nagħtih l-ispazju biex jiffoka fuq l-aspetti operattivi tal-Awtorità.

Fuq kollox, kif dejjem għamilt tul il-karriera tiegħi, se tkun prijorità tiegħi li jinżammu l-ogħla standards ta' professjonalità u etika fl-operat.

3. Kif qiegħed tara li qiegħed jiżviluppa s-settur tal-komunikazzjoni f'pajjiżna?

Fl-opinjoni tiegħi, pajjiżna għandu servizzi tal-komunikazzjoni li jħabbtuha mal-aktar pajjiżi żviluppati. Madankollu, jekk hemm settur li qed jevolvi l-ħin kollu, huwa dan.

Il-ħtieġa ta' konnettività ta' kwalità se tibqa' tiżdied. Dak li llum jidher innovattiv u state of the art, se jsir mainstream fi ftit snin.

Ifisser li f'suq kompetittiv, l-investimenti u l-innovazzjoni mill-operaturi jridu jkunu kontinwi biex ilaħħqu mal-iżviluppi teknoloġiċi. Fl-istess ħin, l-Awtorità trid tkun aġli biżżejjed biex tirregola s-suq waqt li qed jiżviluppa u kemm jista' jkun ma tispiċċax tkun reattiva għal tibdiliet u realtajiet li jkunu qed iseħħu b'mod mgħaġġel.

Fl-istess ħin, l-Awtorità għandha tħares is-sigurtà u l-kwalità tas-servizzi. Tajjeb li nsemmi wkoll li l-operat tas-servizzi ta' komunikazzjoni, kull ma jmur, qed iżid fil-bżonnijiet tiegħu għall-enerġija. Naħseb li dan is-settur għandu jkompli jiżviluppa b'mod li ma jżidx il-kontribut tiegħu għal iktar emissjonijiet. Minn dan l-aspett, l-Awtorità għandha obbligu skont il-Liġi li tara li jkun hemm miżuri li jħarsu l-ambjent.

4. X'investimenti tara li għandhom isiru f'pajjiżna u forsi lil hinn minnu sabiex intejbu dejjem iżjed il-komunikazzjoni?

Ir-rwol tal-Awtorità, għalkemm mhux wieħed li jitlob investiment dirett fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni, huwa li joħloq ambjent li jixpruna l-investiment u l-innovazzjoni. Meta s-suq isib ambjent li joffri ċertezzi u regolamentazzjoni sodi, waħdu jitħajjar jinvesti biex ikun minn ta' quddiem fl-offerta tas-servizzi tiegħu.

Naħseb li baqa' zoni f'pajjiżna li għadhom mhux milħuqa b'servizzi tal-aqwa kwalità. Hemm bżonn ta' investimenti li jilħqu kullimkien, mhux biss fejn l-operaturi jħossu li se jkollhom l-aħjar return on investment.

Nemmen ukoll li fiż-żmien tal-lum, l-operaturi għandhom ikollhom networks reżiljenti sew, b'redundancies minimi, b'tali mod li meta inevitabilment jinqalgħu xi ħsarat, il-konsumaturi ma jdumux sigħat twal mingħajr servizz.

L-isfida se tkun kif se nippromwovu titjib fil-kwalità tas-servizz mingħajr ma nitfgħu piżijiet li jkollhom impatt dirett fuq il-prezzijiet.

5. X’inhuma l-ikbar sfidi li qiegħed jiffaċċja s-settur tal-komunikazzjoni bħalissa? X’qiegħed isir biex jingħelbu dawn l-isfidi? Fejn qiegħed tara li għandha tkompli tinvesti l-MCA?

L-isfidi ewlenin li naħseb li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur tal-komunikazzjkoni huma s-sigurtà tal-informazzjoni, il-ħtieġa ta’ iktar kapaċità fuq in-networks minħabba li l-bżonnijet dejjem jiżdiedu, l-iżvilupp mgħaġġel fit-teknoloġiji u l-aġġornament kontinwu tal-qafas regolatorju. Apparti dawn l-isfidi speċifiċi, hemm l-isfida li qed tolqot diversi setturi oħra, jiġifieri l-bżonn ta’ iktar professjonisti u tekniċi b’ħiliet rilevanti.

Hemm diversi inizjattivi biex jgħinu li jingħelbu dawn l-isfidi. Is-sigurtà hija sfida kontinwa li l-operaturi dejjem iridu jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex ikunu fuq quddiem kontra l-attivitajiet li jippruvaw jużaw ħażin il-mezzi. Fil-qasam diġitali, is-sigurtà saret speċjalizzazzjoni fiha nnifisha.

Fil-qasam tal-komunikazzjoni bil-cables, it-teknoloġiji dejjem qed jiżviluppaw biex jakkommodaw iktar traffiku fuq in-networks eżisenti. Fil-qasam tal-wireless, trid issir allokazzjoni bil-għaqal tal-ispectrum tal-frekwenzi mingħajr ma jkun imxekkel l-iżvilupp u l-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, ir-regolamenti jridu jkunu aġġornati ta’ spiss, filwaqt li jinżamm bilanċ biex tibdil frekwenti ma joħloqx inċertezzi fis-suq.

L-Awtorità għandha tara li l-ħiliet u r-riżorsi umani tagħha jkunu mħarrġa sew u aġġornati biex tkun tista’ tlaħħaq tajjeb mat-tibdiliet kontinwi li jiffaċċja s-settur. Apparti li tinvesti fit-tekonoloġija, l-importanza tal-investiment fit-taħriġ tal-ħaddiema tagħha ma jistax ikun traskurat.

L-Awtorità għandha wkoll tixpruna lill-operaturi nfushom biex jinvestu fl-aħħar teknoloġiji filwaqt li, safejn possibbli, tara li l-investimenti jkunu proporzjonati mat-tariffi. Kull investiment privat jiġi rkuprat mingħand il-konsumaturi u għaldaqstant għandu jkun studjat sew. L-istakeholders fl-industrija jistgħu jikkolaboraw iktar f’dan is-sens.

6. Tara li l-MCA, flimkien ma’ entitajiet oħrajn bħall-MCCAA, għandu jkollha rwol li tipproteġi wkoll lill-konsumaturi? F’dan ir-rigward, kemm huwa importanti l-Att dwar is-Servizzi Diġitali? Kif tara li jista’ jimpatta lil pajjiżna?

Hemm diversi obbligi li joħorġu mill-Att dwar l-Awtorità għall-Komunikazzjoni li huma intiżi biex ikun protett il-konsumatur. Per eżempju, l-Liġi titlob li l-Awtorità tħares il-kompetizzjoni ġusta f’dan il-qasam u li tistabilixxi standards minimi ta’ kwalità u sigurtà fil-provista ta’ servizzi tal-komunikazzjoni. Hemm obbligu wkoll li tressaq ’il quddiem l-interessi ta’ nies b’diżabilità, l-anzjani u dawk bi ħtiġijiet soċjali partikolari.

Fejn jidħlu affarijiet ta’ kompetizzjoni ġusta u ħarsien tal-konsumatur, l-MCA trid taħdem flimkien mal-MCCAA peress li, xi ftit jew wisq, ir-rwoli taż-żewġ awtoritajiet jidħlu fuq xulxin. F’dawn is-sitwazzjonijiet, iż-żewġ awtoritajiet għandhom jaħdmu biex jikkumplimentaw lil xulxin biex iħarsu l-interessi tal-konsumaturi.

Fil-qasam postali, b’mod partikolari, l-Awtorità għandha rwol iktar delikat biex tipproteġi lill-konsumatur. Minkejja li s-suq huwa liberalizzat, il-konsumatur m’għandux għażla reali li jikseb ċerti servizzi mingħand kompetitur, f’każ li ma jkunx sodisfatt bil-kwalità tas-servizz li jkun qed jingħata.

Fl-ambitu tal-komunikazzjoni diġitali, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali joħloq ambjent online iktar sikur għal min juża dawn is-servizzi. L-għan hu li dawn is-servizzi jkunu iktar ta’ min

jafdahom. Ta' spiss nisimgħu ilmenti ta' nies li jħossuhom esposti meta jużaw servizzi diġitali, fis-sens li jħossu li s-sistemi qed josservawhom il-ħin kollu u jieħdu nota ta' dak kollu li jkunu qed jagħmlu online, mingħajr il-kunsens dirett tagħhom.

L-MCA hija d-Digital Services Coordinator skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Dan, fost l-oħrajn jagħtiha rwol ċar biex tħares 'il-konsumatur permezz li tassikura li jkun hemm inklużjoni diġitali billi tevalwa l-aċċessibilità ta' websites. Din mhix xi ħaġa faċli u hija parti minn proċess li għadu qed jiżviluppa fl-Unjoni Ewropea kollha, mhux inqas f'pajjiżna. L-Awtorità trid tesiġi wkoll li l-operaturi jieħdu azzjoni f'waqtha meta jkun hemm xi rapport ta' attività illegali u li jkunu indirizzati l-ilmenti f'dan ir-rigward.

7. Kif tara li l-MCA se tkun qegħda tanalizza l-volumi ta' informazzjoni li qegħda tinġabar mis-settur tal-komunikazzjoni bħala parti mill-evoluzzjoni tar-regolamentazzjoni f'dan is-settur?

L-MCA, bħala regolatur għandha tagħmel review tar-regolamenti eżisenti biex tara kif u kemm qed tinġabar informazzjoni mis-settur biex taċċerta ruħha mill-privatezza tal-konsumatur u l-protezzjoni tad-data.

L-ewwel nett, huwa importanti li l-Awtorità tifhem sew liema informazzjoni qed tinġabar mill-operaturi, per eżempju call logs, internet access history, fejn il-konsumatur ikun qiegħed waqt li jkun qed juża s-servizz (geolocation), eċċetra. Trid tifhem umbagħad għal liema skop din l-informazzjoni qed tinġabar u titlob ġustifikazzjoni mingħand l-operaturi.

Imbagħad fejn il-ġbir tal-informazzjoni jibqa' meħtieġ, il-konsumatur għandu jkun mgħarraf u idealment jagħti l-kunsens tiegħu biex din l-informazzjoni tinġabar. Bl-istess mod, huwa importanti wkoll li l-informazzjoni ma tinżammx fit-tul iktar milli meħtieġ.

Ir-regolamentazzjoni trid tgħabbi wkoll lill-operaturi bir-responsabilità tas-sigurtà tal-informazzjoni li tkun qed tinżamm u li tali informazzjoni ma tinbiegħx u ma tgħaddix għand terzi.

Fl-aħħar, nemmen li l-Awtorità trid tissorvleja li l-operaturi jżommu mal-obbligi regolatorji tagħhom, b'mod trasparenti u etiku li jżomm bilanċ bejn l-interessi tal-istakeholders kollha. Dan jista' jsir permezz ta' audits, rapporti u proċeduri flimkien ma' infurzar jekk ikun meħtieġ.

Tajjeb ukoll li l-Awtorità teduka lill-konsumaturi dwar l-informazzjoni li tkun qed tinżamm meta jużaw is-servizzi ta' komunikazzjoni għax dan jgħin biex il-konsumatur stess jitgħallem jipproteġi lilu nnifsu.

8. Tara li l-MCA għandu jkollha rwol fl-aspett edukattiv u ta' taħriġ fejn jidħlu l-ħaddiema fis-settur tal-komunikazzjoni u tat-teknoloġija? Liema huma dawk l-entitatjiet li l-MCA l-iktar tikkollabora magħhom sabiex twettaq ħidmietha?

F'dinja fejn qed issir dejjem iktar diffiċli biex operaturi fl-oqsma tat-teknoloġija jsibu biżżejjed nies b'talent biex iwettqu xogħolhom, l-Awtorità tista' tgħin billi, flimkien ma istituzzjonijiet edukattivi, tħajjar iktar żgħażagħ jidħlu f'din id-dinja tax-xogħol jew li jitħarrġu biex itejbu l-ħiliet f'dan il-qasam.

Mhux faċli għall-Awtorità li tkun hi stess li toħloq riżorsi edukattivi fil-qasam tal-komunikazzjoni. Meta hemm istituzzjonijiet tajbin u dedikati għal dan il-għan, lanqas għandu jkun ir-rwol tagħha li tagħmilha tal-edukatur.

Madankollu, l-Awtorità qegħda f'sitwazzjoni vantaġġjuża li tidentifika 'l fejn ikun sejjer is-settur. B'hekk tista' tikkollabora u tagħti input siewi lill-istituzzjonijiet edukattivi biex joffru taħriġ rilevanti għal iżviluppi li tkun qed tipprevedi f'dan il-qasam. Naturalment, f'moħħi jiġu l-Università tal-Malta u l-MCAST. Imma usa minn hekk, hemm lok ta' kollaborazzjoni mal- eSkills Malta Foundation li l-MCA diġà tifforma parti minnha, il-Malta Information Technology Agency (MITA) u l-Malta Digital Innovation Authority (MDIA).

Iżda, nemmen ukoll li l-operaturi nfushom għandhom jinvestu sew fil-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom. Ħafna drabi, l-operturi jkunu minn tal-ewwel li jkunu esposti għall-aħħar teknoloġiji. L-Awtorità tista' wkoll isservi ta' pont bejn l-operaturi u l-istituzzjonijiet edukattivi biex dawn jipproduċu ħaddiem bi skills li s-suq jaf li se jiġi bżonn.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni?

Ir-rwol ta' Chairperson, apparti li jmexxi l-Bord tal-Awtorità nqisu bħala wieħed ta' direzzjoni u gwida lejn il-membri kollha tal-Bord. Peress li c-Chairperson normalment ikun f'kuntatt iktar ta' spiss mal-persuni fi rwoli eżekuttivi, jiġifieri l-management jew it-tmexxija tal-Awtorità, jkun jista' jagħti insight lill-membri sħabu fuq kwistjonijiet jew proposti li jitressqu quddiem il-Bord mill-istess tmexxija.

Iċ-Chairperson għandu jipparteċipa fid-diskussjonijiet strateġiċi nterni tal-Awtorità u jwassal il-fehma u d-direzzjoni tal-Bord lit-tmexxija, filwaqt li jikkomunika b'mod ċar l-għanijiet u l-oġġettivi tal-Bord lit-tmexxija, biex din tkun tista' twettaq kif mistenni.

Iċ-Chairperson għandu wkoll iħares il-governanza tajba tal-Awtorità u jservi ta' verifika fuq it-tmexxija biex jassikura li l-Awtorità iżżomm dejjem mal-obbligi tagħha skont il-Liġi u mal-obbligi etiċi. Dan ir-rwol jitwettaq b'mod kumplimentari mas-CEO.

2. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni?

Nixtieq li nara streamlining tar-regolamenti u kooperazzjoni ma' Awtoritajiet oħra biex il-konsumatur iħossu iktar protett fil-qasam tal-komunikazzjoni, fejn jieħu dak li jkun qed iħallas jew jabbona għalih u li jkollu mezz dirett kif iwassal l-ilment tiegħu b'mod faċli jekk ma jkunx sodisfatt bis-servizz, mingħajr ma nindaħlu fil-kompetizzjoni bejn operaturi differenti.

Se naħdem biex ikun hemm minimum service obligations ċari u fl-istess ħin ġusti biex nassikuraw li kull min jixtri servizzi ta' komunikazzjoni, ikun jaf xi drittijiet għandu u x'għandu jistenna meta s-servizz ma jkunx qed jaħdem kif mistenni.

Irrid li l-operaturi jidentifikaw bottlenecks fis-sistemi tagħhom huma stess, liema sitwazzjonijiet għandhom jinġiebu a konoxxenza tal-Awtorità, b'mod li ma jiżvantaġġjahomx mal-kompetituri tagħhom. Fl-istess ħin, nemmen li l-operaturi għandu jkollhom, b'obbligu regolatorju, pjan ta' kif jindirizzaw dawn il-bottlenecks u pjan

kumplimentari ta' kontingenza f'każ meta s-sistemi tagħhom ma jaħdmux kif mistenni b'tali mod li jibqgħu jagħtu servizz minimu lill-konsumaturi tagħhom, sakemm isewwu l-ħsarat.

3. Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni?

Il-qasam tal-komunikazzjoni ilu jiżviluppa b'rata mgħaġġla għall-aħħar għexieren ta' snin. Nemmen li dan se jkompli jseħħ fil-futur prevedibbli. Qed nirreferi kemm għat teknoloġiji tal-komunikazzjoni kif ukoll għas-servizzi postali li t-tnejn evolvew ħafna.

Għaldaqstant, dan it-tibdil kontinwu jġib miegħu sfidi biex l-Awtorità żżomm lilha nnifisha aġġornata u mgħammra b'impjegati tajbin li jsegwu dak kollu li jkun għaddej, kemm fis-suq lokali u dak Ewropew, kif ukoll f'dak li jirrigwarda żviluppi li qed iseħħu jew li qed ikunu rriċerkati f'dawn l-oqsma.

F'moħħi għandi żviluppi teknoloġiċi li qed jevolvu malajr bħal ma huma t-teknoloġija tal-5G, l-Internet of Things (flimkien mas-servizzi ta' komunikazzjoni li jisapportjawhom), u s-servizzi tal-Broadband Satellite, li kollha kemm huma jitolbu li r-regolamenti u l-istandards jaddattaw ruħhom kontinwament. Bl-istess mod, fil-qasam postali nista' nsemmi servizzi bħal e-commerce logistics u smart delivery solutions. Nista' nsemmi wkoll l-iżvilupp tal-inteliġenza artifiċjali li għad irridu nifhmu x'impatt se jkollha fuq in-networks tal-komunikazzjoni u s-servizzi postali.

Magħhom norbot il-bżonn tas-sigurtà u l-integrità tan-networks ta' komunikazzjoni fejn trid isseħħ diskussjoni sħiħa tar-responsabilitajiet tal-Istat (vestiti fl-Awtorità) u dawk tal-operaturi biex flimkien jipproteġu lil min juża s-servizzi.

Ma' din nista' wkoll ngħaqqad id-dilemma jew sfida oħra tal-bżonn tal-privatezza u ż-żamma tal-informazzjoni mill-operaturi. Id-diffikultà biex jinżamm il-bilanċ delikat bejn il-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-kriminalità u l-privatezza personali mhix xi ħaġa faċli.

L-issue tal-management tal-ispectrum tal-frekwenzi ta' komunikazzjoni minn dejjem kienet sfida u nassumi li din se tibqa' sfida fil-futur qrib. Dan ir-riżors siewi li mhux infinit irid jintuża b'mod għaqli biex inkomplu nsaħħu s-servizzi ta' komunikazzjoni wireless f'pajjiżna, f'sitwazzjoni fejn il-bżonnijiet għal komunikazzjoni ta' dan it-tip dejjem jiżdiedu u għaldaqstant it-talbiet mill-operaturi se jiżdiedu wkoll. Nemmen li l-Awtorità se ssib quddiema sfida biex talloka l-ispectrum b'mod koordinat li jassikura li ma jkunx hemm interferenzi imma fl-istess ħin jimmassimizza l-potenzjal ta' dan ir-riżors, filwaqt li ma joħnoqx il-kompetizzjoni.

Filwaqt li norbot mal-mistoqsija rigward ir-rwol tal-MCA flimkien mal-MCCAA, naħseb li l-Awtorità fil-limiti mgħotija lilha mill-Liġi għandha tippromwovi iktar il-kompetizzjoni reali u trasparenti u li tipprevjeni prattiċi monopolistiċi jew cartels mill-operaturi.

Hemm ukoll l-isfida ta' koordinazzjoni ma' pajjiżi ġirien tagħna biex ikunu indirizzati issues li huma cross-border, bħal servizzi ta' roaming (u t-tariffi tagħhom), skambju ta' data cross-border u r-regolar ta' dawn is-servizzi.

Fuq kollox imbagħad, hemm sfida dejjiema li tiffaċċja kull awtorità pubblika, jiġifieri li tpoġġi lilha nnifisha f'qagħda fejn tgawdi l-fiduċja tal-pubbliku u li tkun kredibbli. Minkejja li dan il-qasam mhux wisq kontroversjali, mhux diffiċli li wieħed jimmaġina sitwazzjoni fejn l-Awtorità jkollha tintervjeni bejn operaturi, jew bejn operaturi u min juża s-servizzi tagħhom. Fl-aġir tagħha, l-Awtorità trid tkun, u tidher li tkun effettiva, trasparenti u kontabbli lejn il-ħtiġijiet tal-istakeholders kollha.

4. X'taħseb li huma n-nuqqasijiet tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni?

Nemmen li l-Awtorità tista' tkun eqreb lejn il-konsumatur u tbiegħ aħjar lilha nnifisha. Minn nnifsu, s-settur mhux wieħed kontroversjali. Imma dan jista' jagħti lok li l-Awtorità tieħu l-back seat u tkun inqas proattiva f'dak li għandu x'jaqsam ma' marketing.

Naħseb li ironikament, l-Awtorità tal-Komunikazzjoni ma kkomunikatx biżżejjed ix-xogħol siewi li għamlet fl-aħħar snin. Biex nagħti eżempju, naħseb li ftit nies jafu bil-website tal-Awtorità, Telecosts.com, li tgħin il-konsumaturi biex isibu u jagħżlu servizzi tal-komunikazzjoni skont il-ħtiġijiet tagħhom.

5. X'taħseb li kienu l-kisbiet tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni matul l-aħħar ħames snin?

Naħseb li l-iktar kisba importanti tal-Awtorità kienet li ħolqot qafas regolatorju b'saħħtu, tant li l-operaturi ħassewhom komdi jinvestu f'teknoloġiji li jwasslu servizzi ta' kwalità għolja ħafna. In ġenerali, naħseb li l-konsumaturi huma sodisfatti bis-servizzi tal-komunikazzjoni f'Malta. Dan tirrikonoxxih ukoll l-Unjoni Ewropea fejn Malta żżomm fost l-ogħla rank fid-Digital Economy and Society Index.

Fl-aħħar snin dan issarraf fi żvilupp qawwi u rollout tal-aħħar teknoloġiji, bħal ma huma l-fibre to the premises u n-network 5G.

6. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Kont impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta bejn l-1996 u l-2005 bħala Inġinier fl-oqsma tal-Ġenerazzjoni u Distribuzzjoni. Imbagħad erġajt kont impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta għal ftit xhur fl-2014 sakemm din il-Korporazzjoni ma baqgħetx kostitwita u l-impjegati kollha għaddew għand il-Kumpanija tal-Istat bl-isem Engineering Resources Ltd. Sa Ottubru 2017, l-impjieg tiegħi kien fil-grad ta' Direttur Eżekuttiv għall-Ġenerazzjoni u d-Distribuzzjoni waqt li kont issekondat mal-Kumpanija Enemalta plc.

7. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Bħala parti mill-impjieg tiegħi mal-Kumpanija Engineering Resources Ltd. minn Ottubru 2017 sa Diċembru 2018 kont issekondat mal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali fejn servejt bħala Advisor Tekniku fis-Segretarjat tal-istess Ministeru.

Minn Marzu 2021 sa Diċembru 2022 kont issekondat mal-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-iŻvilupp Sostenibbli fejn servejt bħala Advisor Tekniku fis-Segretarjat tal-istess Ministeru.

8. X'karigi oħra beħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni?

M'għandi l-ebda kariga pubblika jew privata oħra (apparti s-self employment fil-professjoni tiegħi) u m'għandix ħsieb jew pjan li nokkupa karigi pubbliċi oħra f'każ li l-Kumitat jogħġbu jaħtarni bħala Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni.

9. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni?

Naħdem bħala Inġinier, self-employed, fejn niffoka fuq servizzi ta' konsulenza teknika fuq impjanti tal-enerġija elettrika, bħal ma huma switchgear, cables ta' distribuzzjoni nterna u stand-by generators, fost oħrajn.

Niddikajara li ma noperax fis-settur tal-komunikazzjoni u li m'għandix klijenti li huma regolati mill-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni.

Għaldaqstant ma nħossx li x-xogħol tiegħi jista' b'xi mod iqegħdni f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess f'każ li l-Kumitat jogħġbu jaħtarni bħala Chairperson tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni.

10. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Niddikajara li m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess f'każ li l-Kumitat jogħġbu jaħtarni fil-kariga msemmija.

---